# Antonio Buhagiar (1861-1932) (magħruf bħala Toni ta' Luċija) u r-relazzjoni tiegħu mas-Soċjetà Filarmonika La Stella

**Michael Said**

**Min kien Antonio Buhagiar?**

Antonio Buhagiar twieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-22 ta' Ġunju 1861 u ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Missieru kien Lorenzo, imwieled il-Birgu, u ommu Luċija mwielda Galea. Lorenzo kien idoqq il-vjolinċell u l-vjolin mal-mużiċisti tal-Kappella Mużikali tal-Katidral. Għalhekk, għaċ-ċkejken Antonio, l-imħabba għall-mużika kienet ħaġa naturali, u mingħajr ebda sforz ġie mrawwam fl-arti mużikali minn età żgħira. Toni kellu żewġ ħutu u oħtu, għalkemm ftit li xejn nafu dwarhom. Huwa kien bniedem umli u magħmul ta' għalih waħdu. Baqa' ġuvni u għex ħajtu kollha, flimkien ma' ħutu, fi Triq Palma. Kien ukoll terzjarju Franġiskan.

Huwa opportun li nagħmel parentesi fuq il-*Guida Generale di Malta e Gozo*. Dan il-ktejjeb kien jiġi ppubblikat kull sena mid-Ditta Muscat, x'aktarx fl-ewwel ġranet tas-sena, u t-tagħrif li kien iġib kien ikun tagħrif tas-sena ta' qabel. Bosta kittieba ta' żmienna waqgħu fl-iżball li jikkwotaw tagħrif li sabu f'din il-gwida u jaslu għall-konklużjoni żbaljata tad-dati peress li jaħsbu li t-tagħrif li fiha l-*Guida* kien tas-sena kurrenti, mentri dan it-tagħrif huwa tas-sena li tkun għaddiet.

Permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Onorato Giovanni Refalo li sar fl-11 ta' Jannar 1881 fir-residenza tax-xhud Salvatore Zammit, ġiet legalment imwaqqfa l-ewwel soċjetà mużikali fi gżiritna bis-Surmast Buhagiar bħala Direttur. Is-Surmast Buhagiar intrabat li jagħti lezzjoni tal-mużika kull ġimgħa lill-allievi tas-Soċjetà.

Għal xi raġuni, Antonio Buhagiar dam inqas minn sena bħala surmast uffiċjali tal-Banda. Wara s-Surmast Buhagiar, is-Soċjetà *La Stella* ħatret lis-Surmast Salvu Grima, li kien midħla sew tal-fundatur u l-ewwel President il-Perit Pietru Attard, peress li s-Surmast Grima kien imexxi l-orkestra tat-Teatru Calypso li kien waqqaf il-Perit Pietru Attard. Dan hu l-ewwel teatru f'Għawdex li nafu bih, u nfetaħ fl-1870. Is-Surmast Grima dam Surmast Direttur tal-Banda *La Stella* sal-1884 u fundatur ma kien ħadd ħlief il-Perit Pietru Attard.

Għandna x'nifhmu li Antonio Buhagiar kien jaqla' x'jiekol mill-mużika. Għalhekk, wara li spiċċa minn Surmast tal-Banda *La Stella*, ried jara x'jagħmel u beda jdoqq f'diversi knejjes u parroċċi ta' Għawdex. Fl-1884 ingħaqad mal-banda l-oħra tar-Rabat li magħha dam Surmast sal-1887. Fl-1891, is-Surmast Buhagiar waqqaf orkestra biex idoqq fil-knejjes. Din kienet magħrufa bħala l-Orkestra tas-Sinjuri, peress li l-membri tagħha kienu kollha kemm huma professjonisti. Huma kienu jagħmlu l-provi fil-knisja ta' San Franġisk. Nafu wkoll li din l-orkestra daqqet l-ewwel darba fil-kappella tas-Seminarju fid-19 ta' Mejju 1891. Fi ftit żmien din l-orkestra saret popolari ħafna u daqqet kważi fil-parroċċi kollha ta' Għawdex. Is-Surmast Buhagiar kien il-*maestro di cappella* ta' diversi parroċċi f'Għawdex. Huwa kien kompożitur prolifiku u sal-lum għadek issib fl-arkivji ta' ħafna knejjes u anki fi djar privati sinfoniji, quddies, antifoni, salmi u innijiet minn tiegħu. Ħasra li ftit li xejn għadek tisma' tindaqq xi biċċa mużika ta' dan is-Surmast.



*Waħda mill-Antifoni tas-Surmast Antonio Buhagiar*

**Distinzjoni bejn ir-rwol tas-Surmast Antonio Buhagiar u tal-fundatur il-Perit Pietru Attard**

Toni ta' Luċija, kif kien magħruf is-Surmast Buhagiar, insibuh imfittex biex idoqq ma' diversi orkestri li kien hawn, u saħansitra f'Ġunju 1880, għall-festa ta' Sant'Antnin, idderieġa l-Banda *La Stella* fi programm li l-Banda tagħna esegwiet fi Pjazza San Franġisk. Fil-fatt, fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* tal-1881, Antonio Buhagiar ġie msemmi bħala d-Direttur ta' *La Società Filarmonica La Stella*, li diġà kellha l-*Casino e Scuola* f'numru 18, Strada San Giovanni, ir-Rabat. Peress li fl-1881 kien jiġi rrappurtat dak li jeżisti fl-1880, ifisser li s-Soċjetà *La Stella* ġa kellha "l-każin u l-iskola" tagħha fl-1880. Dan jikkonferma li qabel ma sar il-kuntratt tal-1881, li huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu

għal soċjetà mużikali fil-gżira Għawdxija, diġà kien hemm it-trawwim u t-tnissil ta' din l-istess soċjetà, li tmur lura għal ħafna qabel is-sena 1863.
Punt interessanti huwa li fil-kuntratt tal-1881 tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, artiklu numru 25 jidħol fid-dettall billi jsemmi li l-bandisti għandhom jitħallsu, u dan kellu jsir "…fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena [kliem miżjud] b'eċċezzjoni ta' dak li jaqla' mid-daqq ta' wara l-bibien, li jinqasam kif jifhmuha sħabu. Firem: A. Buhagiar, Pietru Attard, Salvatore Farrugia, M. Xerri, G. Bajada, R. Faenza, Antonio Bugeja. Pawlu Pace u S. Zammit huma xhieda. Nutar Giovanni Refalo".[1]

Dan ifisser li d-daqqaqa, barra mid-daqq mal-Banda, kienu jdabbru rashom biex idaħħlu xi ħaġa tal-flus kif għadu jsir sal-lum. Fil-fatt, fl-istess kuntratt li sar hemm imsemmi wkoll kif għandu jsir fond għas-Soċjetà biex tkun tista' tiffunzjona. "Kwart mid-dħul ikun irid jitwarrab għall-bżonnijiet tas-Soċjetà".[2]



*Silta minn mużika ta' tas-Surmast Anton Buhagiar*

Spunt ieħor interessanti dwar ir-relazzjoni tas-Surmast Antonio Buhagiar mas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* joħroġ minn artiklu 3 tal-imsemmi kuntratt. F'dan l-artiklu hemm enfasi li l-membri msemmija "*jiffurmaw* parti mill-*Antica Società*" u mhux "*kienu jiffurmaw* parti mill-*Antica Società*". Dan għaliex l-*Antica Società* hija s-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u l-individwi msemmija bdew jifformaw parti minnha fil-11 ta' Jannar 1881 u riedu jobdu kull kundizzjoni li ffirmaw għaliha. Minn hemm joħroġ il-qedem tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li sa minn dak iż-żmien kienet ġa tissejjaħ *soċjetà* mużikali u mhux "banda". L-artiklu msemmi fil-kuntratt jgħid hekk: "Dawn l-imsemmijin li **jifformaw** parti mill-*Antica Società* – Pietro Attard, Salvatore Farrugia, Salvatore Buhagiar, Antonio Frendo u Mikelanġ Buttigieg – jobbligaw irwieħhom li jiffrekwentaw il-lezzjonijiet tal-mużika tal-imsemmi Buhagiar. Bħalma semmejna, dawn iridu jħallsu xelin kull wieħed fix-xahar, u dan għal perjodu ta' sena li bdiet diġà f'Jannar ta' din is-sena, u dan sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru li ġej. F'każ li dawn ifellqu li jattendu l-lezzjonijiet, jaqgħu taħt l-istess penali tat-tieni patt".[3]



*Skiżż li nstab waqt riċerka ta' Dr Mariella Cassar.*

Bil-kontra ta' dak li nkiteb fil-passat, il-fundatur tas-Soċjetà kien il-Perit Pietru Attard, filwaqt li Antonio Buhagiar kien is-Surmast. Fl-ewwel snin il-Perit Pietru Attard kien inħatar fir-rwol ta' kaxxier u kien imexxi kollox hu. Fil-kuntratt imsemmi hemm artiklu numru 16 li jirreferi għall-bżonn li s-Soċjetà taħtar kaxxier li "jkun jaf jikteb u tal-affari tiegħu". Fil-fatt, f'din il-kariga nħatar il-Perit Pietru Attard, li dwaru nkiteb hekk: "Għal ħdejn Toni ta' Luċija, kif kien magħruf is-Surmast Anton Buhagiar, il-Perit Pietru Attard kien ġgant. Kien professjonist, *sta bene*, wisq iżjed anzjan minnu (twieled fl-1836), kważi missieru, ġentlom, magħruf, prominenti u stmat, kollu esperjenza".[4]
Għalhekk il-Perit Pietru Attard kien ideali biex jimla din il-kariga. Mhux hekk biss, imma l-Perit Attard kien jagħmel tajjeb biex jinxtraw strumenti għal dawk il-bandisti li kien hemm bżonn u d-dar tiegħu fil-bidu serviet bħala każin. Min ma kienx ikollu flus seta' jixtri l-istrument mill-każin u mbagħad iħallsu bil-mod minn dak li jġemma' mis-servizzi li jkun għamel. Dan ifisser li xi ħadd kien jagħmel tajjeb għall-ispiża minn qabel, u dan ma kien ħadd ħlief il-Perit Attard li, kif intqal, kien *sta bene*. Lill-Perit Attard kulħadd kien jirreferi għalih bħala "l-fundatur". Dan kien qalhuli Mikelanġ Formosa, eksbandist, li kien jiftakru ġej mill-villa fi Triq San Leonardu, inti u sejjer lejn ix-Xagħra. Mikelanġ kien ikun man-nannu tiegħu fl-għelieqi li kellhom fit-triq Tal-Għonq, li tiġi wara San Franġisk, u n-nies kienu jirreferu għalih bħala "l-fundatur".

Konferma oħra li l-fundatur kien il-Perit Pietru Attard u mhux is-Surmast Antonio Buhagiar toħroġ minn artiklu 11, fejn ġie ddikjarat ċar u tond li s-Surmast "meta ma jkunx hemm kunċerti, ma jkunx obbligat li jindaħal x'għandu jsir".[5]

Dan ifisser li t-tmexxija kienet f'idejn ħaddieħor u mhux f'idejn is-Surmast Buhagiar.

**Xbieha tas-Surmast Buhagiar**

B'xorti ħażina għadu ma nstab l-ebda ritratt tas-Surmast Buhagiar, li miet fis-16 ta' Settembru 1932 fl-età ta' 71 sena, fl-Isptar tal-Gvern tar-Rabat, u li ġie midfun l-għada fil-knisja ta' San Franġisk. Għalhekk dak li qed nipproduċu huwa "skiżż" impitter mill-artist bravu Joseph Cauchi wara li ġew ikkonsultati diversi nies li kienu jafuh, fosthom l-eksbandist Ġanni Xerri (tan-Nejna). Meta ntwera dan l-iskiżż fil-preżenza ta' martu u wħud minn uliedu, dan beda jitbissem u qal: "Iva, dak Toni ta' Luċija! Minn fejn ġibtu?". Tagħrif ieħor kien ingħata minn Ġorġ Schembri li kien jaf lilu u lill-familja tiegħu.

Fl-aħħar nett, xieraq jingħata ħajr lil Dr Mariella Cassar, li bil-ħidma tagħha waqt riċerka li kienet qed tagħmel għat-teżi dwar mużika tal-Knisja f'Għawdex fil-perjodu bejn l-1750 u l-1950, irnexxielha ssib f'dar privata skiżż ta' Buhagiar li x'aktarx ġie mpitter minn Ċensu Cordina. Qed nirriproduċu wkoll ritratti ta' xi xogħlijiet tas-Surmast Buhagiar li jinsabu f'kollezzjoni privata. Naturalment, għal aktar dettalji dwar dawn ix-xogħlijiet u ħafna oħrajn tal-epoka msemmija, wieħed jista' jirreferi għar-riċerka ta' Dr Cassar.



*Antonio Buhagiar (Skiżż ta' Joseph Cauchi)*

1. 'Kuntratt tat-twaqqif legali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, 11 ta' Jannar 1881', f'*Festi San Ġorġ 2009*, p. 131.
2. Ibid., p. 130.
3. Ibid., p. 129.
4. Anton F. Attard, 'L-istorja infeliċi tal-Fundatur tal-Banda *La Stella Vincitrice*', f'*Festa Santa Marija 2012*, p. 91.
5. 'Kuntratt tat-twaqqif legali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, 11 ta' Jannar 1881', f'*Festi San Ġorġ 2009*, p. 130.

TA' KAROLINA
RESTAURANT
specializing in local & mediterranean cuisine
Joseph Farrugia
marina street, xlendi bay, gozo - malta
reservations: +356 2155 9675 | +356 79564769
info@karolinarestaurant.com | www.karolinarestaurant.com